# EKU MILL-QIEGĦ: GĦIDILNA L-MEMORJI TIEGĦEK DWAR L-IPOĠEW TA' ĦAL SAFLIENI

**Stqarrija | 21 ta' Ġunju 2024**

Fi sforz biex tiddokumenta u tifhem l-istorja riċenti tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, Heritage Malta qed tagħmel sejħa lill-pubbliku biex jaqsam magħha dawn it-tifkiriet, rakkonti u ritratti. Din l-inizajttiva, li qed issir bħala parti mill-proġett MEMORJA tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, għandha l-għan li tikkontribwixxi għal narrattiva iktar rikka ta' dan is-Sit ta' Partimonju Dinji kif dikjarat mill-UNESCO.

Il-proġett għandu l-għan li jiġbor aneddoti u esperjenzi relatati mal-Ipoġew li jmorru lura sa qabel is-snin tmenin. Dan ser isir biex jinxteħet iżjed dawl fuq l-effett tas-sit fuq ir-residenti u l-viżitaturi. Is-sehem tal-pubbliku mhux ser isaħħaħ biss il-ġabra storika iżda jagħti perspettiva unika dwar is-sinifikat kulturali tal-Ipoġew.

L-istedina hija miftuħa wkoll għal min għandu ritratti relatati ma' dan is-sit storiku. Bil-permess tas-sid, issir kopja tar-ritratti jew dokumenti oħra u jinġabru fl-arkivju tal-kollezzjoni. Kemm jekk żort is-sit għexieren ta' snin ilu, għext fl-inħawi, jew għandek rabtiet mal-madwar, nixtiequ nisimgħu mingħandek. Sehmek jiswa mitqlu deheb!

L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni huwa kumpless taħt l-art li kien jintuża għad-dfin minn bejn wieħed u ieħor 4000 sena sa 1500 sena qabel Kristu. Dan is-sit neolitiku, imħaffer taħt l-art, jitfa' dawl fuq il-ħiliet eċċezzjonali u s-sengħa li kellhom l-abitanti tal-qedem. L-Ipoġew ġie skopert bi żvista fl-1902 u kien fost l-ewwel siti f'Malta li ġew dikjarati bħala Sit ta' Patrimonju Dinji mill-UNESCO (1981). Dan is-sit hu testment ħaj tal-istorja rikka preistorika li għandha gżiritna.

Kull min  huwa interessat li jikkontribwixxi f'dan il-proġett jista' jċempel lil Heritage Malta fuq 23954353 jew 21691595 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju (mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9:00am sal-5:00pm) jew jibgħat email fuq  info@heritagemalta.org. M'hemm l-ebda data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet, u l-parteċipanti jistgħu jagħżlu li jiġu intervistati jew jissottomettu l-istejjer tagħhom bil-miktub.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta